ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' April, 2024

Talba Nru: CCT197/23/DS

Mark Anthony Carabott
Vs

C.M.E. Co. Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-30 ta' Ottubru, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tibdillu l-*lock unit* komplut għall-liema ingħatat stima approssimattiva li ma kellhiex tissupera il-ħames mija u tmenin Ewro (€580);

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fit-2 ta' Jannar, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma it-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi dan it-Tribunal jifhem illi l-attur qiegħed jitlob illi tinbidillu l-*lock unit* intiera tal-bieb tal-garaxx li ġie nstallat mis-soċjeta' intimata għaliex parti mill-lock illi hija tal-plastic u li kienet imwaħħla bil-*clips* inqasmet u nqalgħet.

Illi meta l-attur għamel it-talba tiegħu direttament lis-soċjeta' rikorrenti huwa ngħata risposta negattiva ghaliex skont l-istess soċjeta' il-parti ma kienetx parti mekkanika iżda waħda li tifforma kopritura estetika, ma kien hemm l-ebda dannu għal parti identika għaliha fuq l-istess bieb tal-garaxx li kienet esposta għall-istess elementi u l-parti ma kienetx iddanneġġiata waqt l-istallazzjoni. Is-soċjeta' intimata ġabet ukoll prova illi l-ammont rikjest li ġie ndikat bħala approssimattiv huwa wkoll wieħed eċċessiv għaliex il-lock jiswa €147.50 li kieku kellu jinbidel fl-intier tiegħu.

Illi infatti l-attur ma ċaħadx dan u fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma ġab l-ebda prova illi turi b'mod ċar u inekwivoku illi din il-ħsara ma ġratx minħabba *wear and tear* jew użu ħażin tal-parti illi qiegħed jitlob li tinbidel.

Illi t-talba tal-attur hija primarjament biex jinbidel il-parti tal-*lock unit* komplut jew jiġi riżarċit ammont ekwivalenti għall-valur tiegħu pero' dan it-Tribunal ma jsibx illi din it-talba hija ġustifikata fil-liġi mill-provi illi ġew prodotti u għaldaqstnat it-talba m'għandhiex tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru